Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 21 ta' Mejju 2021**
**(OR. en)**

**8851/21**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0196(COD)**

**CODEC 710**
**SOC 282**
**PECHE 157**
**CADREFIN 246**
**JAI 558**
**SAN 299**
**COH 6**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill |

1. Fid-29 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta tagħha[1], fl-14 ta' Jannar 2020 l-ewwel proposta emendata[2] u fit-28 ta' Mejju 2020 it-tieni proposta emendata[3] abbażi tal-Artikoli 177, 322(1) (a) u 349 TFUE, lill-Kunsill.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjonijiet tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018[4], fl-10 ta' Ġunju 2020[5] u fit-18 ta' Settembru 2020[6].

---

[1] 9511/18 + ADD 1
[2] 5259/20 + ADD 1
[3] 8399/20 + ADD 1
[4] ĠU C 62, 15.2.2019, p. 83–89
[5] ĠU C 311, 18.9.2020, p. 55-62
[6] ĠU C 429, 11.12.2020, p. 236-239

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjonijiet tiegħu fil-5 ta' Diċembru 2018[7], fit-2 ta' Lulju 2020[8] u fl-14 ta' Ottubru 2020[9].

4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-27 ta' Marzu 2019[10].

5. Fit-3 ta' Marzu 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi.

6. Fis-16 ta' Marzu 2021, il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (REGI) ikkonferma l-qbil proviżorju, u sussegwentement il-president tiegħu bagħat ittra lill-president tal-Coreper li tgħid li l-Parlament Ewropew għandu, fit-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi.

7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokumenti 6674/21 + ADD 1 + ADD 2 + ADD 2 COR 1, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 6674/21 ADD 3, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-Ungerija tastjeni;
- jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet fl-Addendum 1 għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

8. Fl-istess ħin, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddeċiedi, f’konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta’ Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454[11], li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tar-Regolament imsemmi hawn fuq jekk, minħabba ċ-ċirkostanzi relatati mal-COVID-19, ma ssir l-ebda laqgħa tal-Kunsill qabel id-29 ta' Mejju 2021.

---

7 ĠU C 86, 7.3.2019, p. 41-83
8 ĠU C 324, 1.10.2020, p. 74-87
9 ĠU C 440, 18.12.2020, p. 191-212
10 7745/19
11 Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454 tat-12 ta' Marzu 2021 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 89, 16.3.2021, p. 15–16)